



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2021/2243(INI)

31.5.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar id-diskriminazzjoni intersezzjonali fl-Unjoni Ewropea: is-sitwazzjoni soċjoekonomika tan-nisa ta' dixxendenza Afrikana, tal-Lvant Nofsani, Latino-Amerikana u Asjatika
(2021/2243(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sira Rego

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi ħafna nisa, fid-diversità kollha tagħhom, inklużi nisa razzalizzati, nisa b'diżabilità u nisa migranti, jiffaċċjaw inugwaljanzi u diskriminazzjoni intersezzjonali fl-UE; billi d-diskriminazzjoni intersezzjonali tirreferi għal sitwazzjoni li fiha jeżistu diversi raġunijiet ta' diskriminazzjoni bħal ġeneru, razza, kulur, status etniku jew soċjoekonomiku, età, orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru u espressjoni, karatteristiċi sesswali, karatteristiċi ġenetiċi, appartenenza għal minoranza nazzjonali, reliġjon jew twemmin, nazzjonalità, status ta' residenza, jew diżabilità, joperaw u jinteraġixxu ma' xulxin, b'mod negattiv u inseparabbli u jipproduċu tipi distinti u speċifiċi ta' diskriminazzjoni u żvantaġġi minħabba l-konfluwenza ta' identitajiet differenti; billi d-diskriminazzjoni per se hija parzjalment indirizzata fl-oqfsa tal-politika u legali tal-UE, iżda d-diskriminazzjoni intersezzjonali għadha fil-marġini tat-tnejn li huma;
- B. billi d-diskriminazzjoni intersezzjonali hija differenti minn diskriminazzjoni multipla, li sseħħ meta kull tip ta' diskriminazzjoni jista' jiġi ppruvat u ttrattat b'mod indipendenti; billi fil-każ ta' diskriminazzjoni intersezzjonali, ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni huma marbuta ma' xulxin, u dan joħloq tip uniku ta' diskriminazzjoni; billi l-intersezzjonalità tippermetti perspettiva li tirrappreżenta intersezzjonali mingħajr ma tipprijoritizza waħda kontra l-oħra; billi approċċ intersezzjonali jkopri l-multidimensjonalità tal-esperjenzi u l-identitajiet tan-nies u jinvolvi approċċ minn isfel għal fuq; billi l-użu ta' approċċ ta' intersezzjonalità fl-analiżi u l-politiki jirrikjedi ħsieb b'mod differenti dwar l-identità, l-ugwaljanza u l-iżbilanċi tal-poter;
- C. billi d-dipendenza tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni fuq raġuni waħda u l-lista eżawrjenti ta' raġunijiet fil-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni jillimitaw il-possibbiltà li tiġi inkorporata bis-sħiħ perspettiva intersezzjonali u tħalli l-problema mhux indirizzata; billi kien hemm nuqqas ta' fehim komuni, li rriżulta f'approċċi differenti għall-kwistjoni fil-livell tal-Istati Membri; billi t-taħlita ta' leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u sett ieħor ta' direttivi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ħolqu lakuni u rriżultaw f'ostakli strutturali biex tiġi indirizzata l-intersezzjonalità;
- D. billi ħafna nisa ta' dixxendenza Afrikana, tal-Lvant Nofsani, Latino-Amerikana u Asjatika fl-Ewropa jaħdmu f'impjegi prekarji u b'pagi baxxi b'riskju ogħla ta' sfruttament u abbuż jew huma qiegħda b'mod sproporzjonat, billi l-ħaddiema domestiċi migranti li s-sitwazzjoni prekarja tagħhom tagħmel l-intersezzjonalità tar-razza, il-ġeneru u l-istatus soċjoekonomiku, l-istatus migranti u n-nazzjonalità hija viżibbli; billi d-dipendenza ta' permess ta' residenza fuq konjuġi jew impjegatur iżżid il-vulnerabbiltà tal-persuna, li tesponi lin-nisa migranti għal riskji oħra bħal vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u diskriminazzjoni istituzzjonali;
- E. billi d-diskriminazzjoni intersezzjonali hija partikolarment esperjenzata minn nisa Rom¹

¹ Il-kelma "Rom" tintuża bħala terminu ġenerali li jinkludi gruppi relatati differenti fl-Ewropa kollha, kemm jekk sedentariji u kemm jekk ma humiex, bħalma huma l-komunitajiet Rom, Traveller, Sinti, Manouche, Kalé,

nisa Musulmani², nisa trans, b'mod partikolari nisa trans razzalizzati³, u nisa b'diżabilità⁴, li tagħmilhom aktar vulnerabbli għall-esklużjoni soċjali, il-faqar u l-vjolenza;

- F. billi perspettiva orizzontali, intersezzjonali hija essenzjali fi kwalunkwe politika ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u tmur id f'id ma' li jiġi indirizzat dan it-theddid sinerġistiku ta' diskriminazzjoni; billi l-intersezzjonalità ta' raġunijiet differenti tista' tkun fattur li jaggrava xi każijiet ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;
- G. billi s-sistemi tal-ġustizzja kriminali u l-infurzar tal-liġi għandhom iqisu approċċ intersezzjonali bħala kunċett legali fil-prattiki u d-deċiżjonijiet tagħhom biex jevitaw li jaggravaw id-diskriminazzjoni, il-faqar u l-esklużjoni, li jista' jkollhom impatt detrimentali b'mod partikolari fuq in-nisa fid-diversità kollha tagħhom minn gruppi vulnerabbli;
- H. billi tipi intersezzjonali ta' diskriminazzjoni jista' jkollhom impatt serju fuq il-ħajjiet tas-superstiti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili, li hija forma estrema ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, pereżempju billi jillimitaw jew jostakolaw l-aċċess tagħhom għas-servizzi ta' prevenzjoni, appoġġ u protezzjoni li jeħtieġu b'riżultat ta' kombinament ta' tipi differenti ta' diskriminazzjoni, ir-razziżmu inerenti sottostanti u ta' ostakli kulturali u lingwistiċi;
- I. billi n-nisa razzalizzati jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw impjiegi ta' kwalità u, b'riżultat ta' dan jinvolvu ruħhom b'mod predominanti f'impjiegi b'riskju oġhla li jiżviluppaw mard okkupazzjonali;
- J. billi n-nisa li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali jiffaċċjaw problemi biex jaċċessaw is-suq għal akkomodazzjoni deċenti;
- K. billi n-nisa razzalizzati huma aktar probabbli li jitkeċċew mis-sintomi tagħhom minn fornituri mediċi, billi l-edukazzjoni medika f'ħafna pajjiżi Ewropej ma tindirizzax mard u sintomi li jaffettwaw lin-nisa ta' dixxendenza Afrikana, tal-Lvant Nofsani, Latino-Amerikana u Asjatika;⁵
- L. billi l-preġudizzji soċjali u l-inugwaljanzi strutturali hemm mnejn ikunu integrati f'teknoloġiji ġodda, inkluża l-intelliġenza artifiċjali (IA), u din hija kwistjoni ta' tħassib;

Romanichel, Boyash, Ashkali, Eġizzjani, Yéniche, Dom u Lom, li jistgħu jkunu differenti f'dawk li huma kultura u stil ta' ħajja. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-ħtieġa li jissaħħaħ il-Qafas Strateġiku tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Inklużjoni tar-Rom wara l-2020 u li tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu, ĠU C 449, 23.12.2020, p. 2.

² In-Network Ewropew Kontra r-Razziżmu, "Forgotten Women: the impact of Islamophobia on Muslim women" ("Nisa Minsija: l-impatt tal-Islamofobija fuq in-nisa Musulmani"), 11 ta' Frar 2016, <https://www.enar.eu.org/forgotten-women-the-impact-of-islamophobia-on-muslim-women/>.

³ Calderon-Cifuentes, P. A., *Trans Discrimination in Europe. A TGEU analysis of the FRA LGBTI Survey 2019*, TGEU, 2021.

⁴ UN Women, "Take five: An intersectional approach to empowering women and girls with disabilities", 2 ta' Diċembru 2020, <https://www.unwomen.org/en/news/stories/2020/12/take-five-empowering-women-and-girls-with-disabilities>.

⁵ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, *Inequalities and multiple discrimination in access to and quality of healthcare*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Il-Lussemburgu, 2013.

- M. billi f'xi Stati Membri, in-nisa Rom għadhom jesperjenzaw segregazzjoni etnika fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa riproduttiva, u jiffaċċjaw forom aggravati ta' vjolenza u fastidju verbali, fiżiċi u psikoloġiċi matul it-twelid; ifakkar li n-nisa Rom ġew soġġetti għal Prattiki sistematiki ta' sterilizzazzjoni furzata u koerċittiva fl-UE;
- N. billi n-nisa li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni intersezzjonali huma friskju ogħla li t-tfal tagħhom jittieħdu fil-kustodja tal-istat u li jiġu mċaħħda minn appoġġ finanzjarju adegwat sabiex ikabbru lil uliedhom;
- O. billi l-lezbofobija trid tintiehem bħala vjolenza fl-intersezzjoni tal-omofobija u l-misoġenija, li tikkostitwixxi tip ta' vjolenza bl-għeruq, il-mudelli, il-modi u l-konsegwenzi tagħha stess iffurmati minn din l-esperjenza intersezzjonali; billi waħda minn kull sitt nisa lezbbjani jew bisesswali (16 %) rrapportaw episodji ta' diskriminazzjoni fl-aċċess għall-kura tas-saħħa jew għas-servizzi soċjali⁶;
- P. billi n-nisa b'diżabilità jiltaqgħu ma' ostakli fiżiċi u ostakli oħra fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, li jiddiskriminaw kontra oħrajn u għalhekk ma jgawdux bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom;
1. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jindirizzaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni fl-eġizlazzjoni u politiki tal-UE dwar l-antidiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; u li japplikaw approċċ intersezzjonali fil-politiki u l-eġizlazzjoni rilevanti kollha tal-UE; iħeġġeġ lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tqis approċċ intersezzjonali fir-raġunament tagħha, sabiex tiproteġi aħjar lil dawk li huma partikolarment friskju, jenfasizza li l-perspettiva intersezzjonali tgħin biex jiġu skoperti l-każijiet ta' persuni li l-esperjenzi tagħhom mhumiex koperti totalment minn oqfsa konvenzjonali kontra d-diskriminazzjoni, bħan-nisa fl-intersezzjonijiet tar-razza, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, il-klassi soċjali, id-diżabilità, l-istatus ta' migrant jew l-età;
 2. Itenni li l-qafas tal-UE kontra d-diskriminazzjoni huwa ffukat l-aktar fuq id-dimensjoni individwali tad-diskriminazzjoni, li tinjora l-kuntest usa', speċjalment id-dimensjonijiet istituzzjonali, strutturali u storiċi tad-diskriminazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddedikaw aktar attenzjoni lil dawn id-dimensjonijiet ta' diskriminazzjoni fit-tfassil tal-politika, jappoġġjaw ir-riċerka sabiex jifhmuha fil-komplessità kollha tagħha u jistabbilixxu miżuri effettivi biex jikkumbattuha;
 3. Jenfasizza l-importanza li jiġu kkunsidrati l-esperjenza speċifika tal-vittmi nisa, fid-diversità kollha tagħhom, li kienu vittmi ta' diskriminazzjoni intersezzjonali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni
 4. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti tal-gruppi kollha affettwati mid-diskriminazzjoni intersezzjonali fil-livelli kollha ta' politika, speċjalment il-gruppi razzalizzati; jistieden lill-Koordinatur tal-UE kontra r-razziżmu u Koordinaturi oħra attivi f'dan il-qasam, lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jikkooperaw mill-qrib u jinvolvu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkonċernati u lill-

⁶ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, *A long way to ġo for LGBTI equality*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Il-Lussemburgu, 2020.

akkademja fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' perspettiva ta' intersezzjonalità fit-tfassil tal-politika fil-livelli tal-UE, nazzjonali u lokali; jitlob li l-aħjar Prattiki u t-taħriġ speċifiku f'dan il-qasam ikunu implimentati kull meta jkun possibbli u mxerrda fl-istituzzjonijiet pubbliċi u privati kollha sabiex jintlaħaq pubbliku usa'

5. Jilqa' l-istrateġiji reċenti differenti rilevanti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025⁷ u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025⁸, li t-tnejn li huma jinkludu approċċ intersezzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw perspettiva ta' intersezzjonalità u jiżguraw li l-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti ma jkollhom l-ebda effett negattiv indirett u mhux intenzjonat, bħar-rimarginalizzazzjoni ta' ċerti gruppi, b'mod partikolari nisa razzalizzati; jiddispijaċih haġna, f'dan ir-rigward, għan-nuqqas ta' dimensjoni intersezzjonali fil-Patt il-ġdid tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil⁹;
6. Jappella lill-Istati Membri japplikaw approċċ komprensiv u intersezzjonali għall-istadji kollha tas-sistema tal-ġustizzja kriminali u jiżguraw l-aċċess għall-ġustizzja għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali, inkluż l-aċċess għal assistenza legali ta' kwalità u b'lingwa li jistgħu jifhmu;
7. Jissottolinja l-importanza li jkun hemm politiki sensittivi għad-diżabilità li jieħdu approċċ intersezzjonali;
8. Jenfasizza li n-nisa migranti huma aktar vulnerabbli għall-abbuż fiżiku; ifakkar li n-nisa migranti mingħajr dokumenti jew nisa bi status dipendenti fuq il-konjuġi tagħhom huma saħansitra f'kundizzjoni aktar vulnerabbli minħabba l-istatus legali tagħhom u huma inqas suxxettibbli li jirrikorru għand il-pulizija jew l-isptarijiet jew il-postijiet ta' kenn għall-għajnuna, jistieden lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jgħinu lin-nisa mingħajr dokumenti jeżerċitaw aħjar id-drittijiet tagħhom;
9. Jissottolinja li l-kundizzjonijiet vulnerabbli li l-ħaddiema migranti nisa huma esposti għalihom, inklużi l-ħaddiema domestiċi migranti, huma aċċentwati mill-intersezzjonijiet multipli ta' diskriminazzjoni li jiffaċċjaw; ifakkar li n-nuqqas ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema migranti nisa għandu implikazzjonijiet profondi fuqhom, inkluża l-kapaċità tagħhom li jaċċessaw opportunitajiet, riżorsi u impjegi taħt l-ugwaljanza taċ-ċirkostanzi ma' oħrajn; iħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni 189 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;
10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jniedu proċedimenti ta' ksur jekk l-Istati Membri ma jitrasonux jew ma jimplimentawx bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni;
11. Ifakkar li t-teknoloġiji l-ġodda, inkluża l-IA, jistgħu jaggravaw u jżidu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni eżistenti; ifakkar ukoll fir-riskji potenzjali ta' dawn it-teknoloġiji

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698).

⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152).

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2020 dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2020)0609).

- għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom li jiffaċċjaw id-diskriminazzjoni intersezzjonali, b'mod partikolari n-nisa razzalizzati; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi tal-IA jkunu ggwidati mill-prinċipji tat-trasparenza, l-ispjegabbiltà, il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont u li jiġu stabbiliti miżuri, inkluż l-awditi, biex jiġi evitat li dawn is-sistemi jaggravaw id-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, l-esklużjoni u l-faqar;
12. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jindirizzaw il-forzi intersezzjonali bidirezzjonali li joperaw fir-rigward tal-mutilazzjoni ġenitali femminili kemm biex itemmu l-prattika tagħha u kif ukoll biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni razzjali;
 13. Ifakkar fis-sejħa dejjiema tal-Parlament biex id-Direttiva Orizzontali Kontra d-Diskriminazzjoni, li ilha mblukkata fil-Kunsill mill-2008, tiġi adottata biex jiġu armonizzati l-kamp ta' applikazzjoni u l-firxa tal-istrumenti eżistenti kontra d-diskriminazzjoni; jappella lill-presidenzi tal-Kunsill li ġejjin li jagħmlu prijorità ewlenija t-trattament ugwali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha biex jitwaqqaf dan l-imblukkar fil-Kunsill; jappella lill-UE tiżgura li l-qafas leġislattiv tagħha dwar l-ugwaljanza jiġġieled id-diskriminazzjoni intersezzjonali, inkluż fil-forom strutturali u istituzzjonali tagħha, li jitbiegħed minn approċċ individwali b'assi wieħed u jindirizza d-diskriminazzjoni sistemika; mingħajr ma tnaqqas l-istandards attwali; jappella lill-Kunsill jistabbilixxi konfigurazzjoni tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Ugwaljanza biex jiġu diskussi b'mod xieraq is-suġġetti msemmija hawn fuq f'forum permanenti;
 14. Jenfasizza li l-isterjotipi u l-preġudizzji soċjali jistgħu jkunu bażi li tiffavorixxi d-diskriminazzjoni u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; ifakkar fl-urġenza li jiġu indirizzati l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-intersezzjonalità; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jimplementaw taħriġ impliċitu u ta' sensitività dwar il-preġudizzju għall-mexxejja u l-impjegati fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħha, inkluż f'istituzzjonijiet ġudizzjarji u ċentri ta' pproċessar tal-ażil u ta' dħul, u għall-pulizija, il-professjonisti tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa u impjegati taċ-ċivil oħrajn, u jindirizzaw l-effetti tal-preġudizzji impliċiti fuq id-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet u l-interazzjonijiet iġġenerati minħabba sterjotipi persistenti u s-sottorappreżentazzjoni ta' ċerti gruppi f'dawn l-oqsma; jappella wkoll lill-Kummissjoni tħejji linji gwida dwar kif jiġu identifikati u indirizzati każijiet ta' diskriminazzjoni intersezzjonali fl-istituzzjonijiet tal-UE;
 15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu analiżi bir-reqqa tal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni intersezzjonali esperjenzata min-nisa; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi pprovduta protezzjoni lin-nisa kollha li qed jaħarbu minn sitwazzjoni ta' abbuż, irrispettivament mill-istatus tagħhom, u jappella li tintemm id-dipendenza ta' permess ta' residenza għal konjuġi jew impjegatur sabiex in-nisa jiġu protetti mill-abbuż; jistieden lill-Istati Membri jagħtu protezzjoni lin-nisa leżbjani, bisesswali, transesswali u intersesswali kollha li jfittxu s-sikurezza fl-Unjoni Ewropea, kif previst fl-*acquis* tal-UE;
 16. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiżguraw proċeduri legali ta' rikonoxximent tal-ġeneru

aċċessibbli u trasparenti għall-persuni kollha, ibbażati fuq l-awtodeterminazzjoni u f'konformità mal-11-il Rieżami tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), u b'hekk jikkontribwixxu għad-depatologizzazzjoni tagħhom kif stabbilit mid-WHO; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprojbixxu l-mutilazzjoni ġenitali intersesswali;

17. Jissottolinja li l-ġbir ta' data diżaggregata komparabbli u robusta dwar l-ugwaljanza huwa indispensabbli biex tiġi ddokumentata d-diskriminazzjoni u biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza b'mod olistiku; jappella lill-Kummissjoni tiżviluppa standards komuni għall-metodi ta' reġistrazzjoni għal forom individwali ta' diskriminazzjoni, inkluża l-possibbiltà li tiġi elenkata aktar minn raġuni waħda ta' diskriminazzjoni fl-istess ħin bil-għan li tkun tista' tinqabad l-intersezzjonalità fl-istatistika, speċjalment ir-razziżmu speċifiku għall-ġeneru, iqis li din d-data għandha tiġi ppubblikata f'format li jippermetti l-identifikazzjoni u l-analiżi ta' diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali; jenfasizza li l-analiżi tad-data fil-livell tas-sottogrupp tippermetti l-fehim tal-inugwaljanzi multipli u intersezzjonali;
18. Jappella lill-Istati Membri jiġbru data diżaggregata dwar l-ugwaljanza skont il-ġeneru, l-orijini razzjali u etnika, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità bbażata fuq il-parteċipazzjoni volontarja, l-awtoidentifikazzjoni u l-kunsens informat, filwaqt li jipproteġu l-anonimità u l-kunfidenzjalità, u jirrispettaw il-prinċipji ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data; f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali rilevanti u d-drittijiet fundamentali; jenfasizza li l-ġbir ta' tali data għandu jiġi uttilizzat għall-iskop uniku li jiġu identifikati l-għeruq tad-diskriminazzjoni sabiex jiffurmaw it-tfassil tal-politika rilevanti; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija komuni f'dan ir-rigward sabiex tiżgura li d-data miġbura tkun preċiża, affidabbli u komparabbli fl-Istati Membri kollha; jappoġġja l-ħidma tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fl-analiżi ta' din id-data u jilqa' żviluppi ulterjuri f'dan il-qasam, f'konformità mal-mandat il-ġdid tagħha;
19. Jirrimarka li f'dawn l-aħħar snin il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sa ċertu punt irriflettiet approċċ intersezzjonali, ibbażat fuq interpretazzjoni b'saħħitha ta' xi wħud mir-raġunijiet eżistenti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-mudell tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) li jqisu lin-nisa u lill-persuni b'diżabilità rispettivament bħala li jinkludu intersezzjonijiet ta' żvantaġġ; jappoġġja bis-sħiħ aktar żvilupp u faċilitazzjoni ta' tali approċċ fejn possibbli, anke fid-dawl tal-flessibbiltajiet skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
20. Jinnota li l-aċċess għas-saħħa jista' jiġi mfixxkel mill-effett aggravat tad-diskriminazzjoni intersezzjonali; jappella lill-Istati Membri jneħħu b'mod urġenti l-ostakli li jeżistu li jipprevjenu l-aċċess sħiħ għall-kura tas-saħħa universali;
21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ impliċitu u mfassal bir-reqqa dwar il-preġudizzju u kontra d-diskriminazzjoni fl-istituzzjonijiet pubbliċi u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tagħhom f'entitajiet privati bil-għan li jittaffew l-impatti ta' tali preġudizzji fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, bl-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-gruppi affettwati,

jiżviluppaw u jimplimentaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika biex jiġġieldu l-isterjotipi u l-preġudizzji prevalenti fost il-popolazzjoni ġenerali, speċjalment dawk li jinsabu fl-intersezzjoni tar-razza u tal-ġeneru;

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT MITLUB GĦAL OPINJONI

Data tal-adozzjoni	31.5.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 48 - : 10 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Caterina Chinnici, Clare Daly, Marcel de Graaff, Anna Júlia Donáth, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Laura Ferrara, Jean-Paul Garraud, Maria Grapini, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Peter Kofod, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Hélène Laporte, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Nuno Melo, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Emil Radev, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Sara Skytvedal, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tomas Tobé, Yana Toom, Tom Vandendriessche, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gwendoline Delbos-Corfield, Sira Rego, Thijs Reuten, Rob Rooken, Domènec Ruiz Devesa, Miguel Urbán Crespo

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

48	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareș Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Nuno Melo, Emil Radev, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Javier Zarzalejos
S&D	Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Maria Grapini, Evin Incir, Marina Kaljurand, Lukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Thijs Reuten, Domènec Ruiz Devesa, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Anna Júlia Donáth, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Yana Toom
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Briemont, Damien Carême, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Tineke Strik
Ix-Xellug	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo
NI	Laura Ferrara

10	-
PPE	Nadine Morano
ID	Jean-Paul Garraud, Marcel de Graaff, Peter Kofod, Hélène Laporte, Tom Vandendriessche
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Rob Rooker, Vincenzo Sofo

4	0
PPE	Sara Skyttedal, Tomas Tobé
HDDR	Assita Kanko, Jadwiga Wiśniewska

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni